DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦAŻIŻ ANGELO

*p.38 (f)*

## BRIDGET

**KIF NISTA' NGĦIX MINGĦAJRU!**

L-Erbgħa, 18 ta' Lulju.

Ma rridx nikteb aktar dwari u dwar Angelo. Kull darba li niftaħ id-djarju, il-jiem narahom għaddejjin jiġru malajr wisq. U Angelo baqagħlu biss ħamest ijiem oħra... Nhar il-Ħadd jitlaq!

Le – ma rridx niftakar – ma rridx inħares aktar lejn kalendarji. Iddeċidejt. Ma rrid nikteb xejn aktar dwar Angelo. Il-kitba ma tasalx biex tfisser dak li qed ngħixu llum – il-kliem ta' bejnietna... Nikteb biss affarijiet bla importanza.

Ilbieraħ — ilbieraħ kelli l-eżami tal-mużika. Ma mortx.

Ħriġt ma' Angelo bil-karozza. Meta ssir taf is-Sinjorina Kreuzer żgur itiha attakk f'qalbha.

/ Jiena u nerġa' naqra dak li ktibt intbaħt li erġajt semmejt lil Angelo.

Imma kif nista' nikteb xi ħaġa... nagħmel xi ħaġa – naħseb – kif nista' ngħix mingħajru! U baqa' biss erbat ijiem oħra... Ma jistax ikun! Ma jistax ikun! *(129)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..........................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..........................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.38